Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalità

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

Data tal-laqgħa: 7 ta' Diċembru 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

### RESIDENTI PREŻENTI:
9 residenti kienu preżenti

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa. Il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa ma setatx jattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata mill-Kunsill.

## 5.1 Introduzzjoni mis-Sindku

5.1.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għall-ħames laqgħa tal-lokalità tad-Disa' Leġislatura, fejn ta informazzjoni lil dawk preżenti fuq diversi proġetti li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill.

## 5.2 Estimi Finanzjarji 2022

5.2.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-abbozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2022.

## 5.3 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

5.3.1 Is-Sindku stieden lir-residenti preżenti biex iressqu l-mistoqsijiet u suġġerimenti li għandhom.

5.3.2.1 Triq il-Kannizzata
Resident ilmenta dwar l-istat ħażin li tħalliet it-triq wara xogħol li sar mill-WSC. Se ssir *site inspection*.

5.3.2.2 Ir-resident ilmenta wkoll li saru 2 MC Bays mingħajr ma tħalla l-1m dyl fil-ġnub ta' garaxx ta' dar 83. Se ssir *site inspection*.

5.3.3 Triq l-Annunzjata
Residenta talbet li jsir *refresh* tar-*road markings* tat-triq. Apparti minn hekk, ir-residenta ilmentat dwar mutur regolarment ipparkjat ħażin fuq l-MC Bay ta' quddiem dar nru. 14. Is-Sindku ser jirrapporta l-każ lill-*Community Police* u se jagħmel *site inspection*.

5.3.4 *Community Police*
Resident faħħar il-mod ta' kif taħdem il-*Community Police* li tkun fil-lokalità

5.3.5 Bozoz ma jixgħelux f'Wied Ħal Balzan
Residenta lmentat dwar 3 bozoz quddiem l-ex-Dolphin li ilhom ma jixgħelu għal żmien twil. Is-Sindku infurma li hemm diversi bozoz pendenti peress li l-persuna li kienet tirranġahom kellha inċident u mietet. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bozoz pendenti se jiġu rranġati għada.

5.3.6 Tappiera f'Wied Ħal Balzan
Ġew irrapurtati 2 tappieri (waħda fejn Borg Cardona u oħra fejn l-ex-Lombard Bank) li qed iċekċku. Se jiġu rrapurtati lill-entità kkonċernata.

5.3.7 *Parking* f'Wied Ħal Balzan
Ir-residenta infurmat li hemm bżonn li titneħħa l-*parking bay* li hemm eżatt maż-*zebra cross* faċċata tad-*Dolphin* għax kienet saret ħażina minn IM meta għamlu t-triq. Din il-*parking bay* ser titneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.3.8 *Parking bay* fi Triq il-Kbira k/m Triq San Franġisk
Resident ilmenta li hemm parking bay nofsha bajda u nofsha safra. Din ser tiġi rranġata mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.3.9 *BCRS vending machine*
Sid ta' ħanut ilmenta għall-fatt li fil-lokalità ma ġietx installata *BCRS vending machine*. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika biex tiġi nstallata waħda f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina, fejn anke ġew infurmati li l-Kunsill japprova li tidjiq il-karreġġata biex toqgħod il-*vending machine* fiż-żona. Sal-lum il-Kunsill għadu bla risposta u s-SE ser tkun qed terġa' tibgħat reminder lill-BCRS.

5.3.10 *Reserved parking* fejn il-Knisja

Resident talab li jsir *reserved parking* fejn il-Knisja għall-qassis. Din it-talba ma ġietx approvata peress li fiż-żona hemm problema kbira ta' *parking*.

5.3.11 <u>Triq Qarċilla</u>
Resident staqsa dwar il-proġett tat-*traffic island* fi Triq il-Qarċilla. Is-Sindku qal nħareġ it-tender għax-xogħlijiet. Issemma li fiż-żona qed ikun hemm *parking* illegali. Is-Sindku infurma li l-LESA diġà ġew infurmati.

5.3.12 Wara li ma kienx hemm aktar ilmenti / suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku għalaq il-laqgħa billi irringrazzja lil kull min kien preżenti, talli attendew għal din il-laqgħa.

5.3.13 Il-laqgħa ntemmet fis-6.05pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |